# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru wieħed u ħamsin (51) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2015, fis-7:05pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużat: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba tal-bidu.

2. Il-minuti tas-seduta numru ħamsin (50) kienu emendati u approvati wara li nqraw u wkoll sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

3. Kienu deċiżi n-nollijiet tal-ħarġa Betlehem f'Għajnsielem wara li l-KLM kien infurmat illi l-*coach* se tkun tiswa €180. Grace Marie Mallia qalet illi se nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fis-1300hrs biex naqbdu l-vapur tas-14:15hrs u lura ma' tas-18:00hrs. Dawn huma n-nollijiet:

| STAT | € |
|---|---|
| Adulti | 10 |
| Anzjani | 5 |
| Tfal | 6 |

4. Kienet skartata l-proposta li tkun organizzata s-sezzjoni tal-*Carol Singing* u hemm il-ħsieb li ssir is-sena d-dieħla.

5. Kellna risposta dwar il-*blood donation unit* nhar it-23 ta' Ottubru 2016. Is-SE se jdaħħalha fil-kalendarju tal-e-mail u jikkommetti lil min tana r-risposta għal ħdax-il xahar oħra.

6. Il-KLM iddeċieda illi għal sena oħra il-ħaddiema tagħna jaħdmu dekorazzjonijiet tal-Milied għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u Triq Karmenu Ciantar. Charlene Zammit qalet illi kieku jsiru kollha qniepen u stilel, ikollhom effett sabiħ ħafna. Is-SE se jgħid lill-ħaddiema tagħna biex jaħdmu waħda fil-ġimgħa ħalli jlestuhom.

7. Il-KLM iddeċieda li jixtri il-*lap top* (Ċedola numru 507) ta' A to Z Electronics li m'għandux il-*video card on-board* sabiex fuqu jkun installat is-*Sage Partner* u l-*accountant* ikun jista' jdaħħal fil-kotba t-tranżazzjonijiet kollha ta' din is-sena.

8. Grace Marie Mallia uriet ix-xewqa illi fi Triq Valletta titwaħħal tabella bil-piż tat-trakkijiet ħalli jinqatgħu dawk kbar li qed jagħmlu l-ħsarat fuq propjeta' privata.

9. Kien hemm diskussjoni dwar il-problema bil-qtates *stray*. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Fjuri sabiex min jitma' l-qtates inaddaf warajh u mhux iħalli t-triq maħmuġa.

10. Charlene Zammit talbet sabiex titpoġġa skip fi Triq it-Torri quddiem il-forn minflok li r-residenti jdendlu l-borża tal-iskart bil-granpuni mal-ħajt. Anita Farrugia qalet li peress li hemm il-forn, aħjar li kieku titpoġġa aktar 'il ġewwa. Dwar din il-proposta ma kienx hemm qbil.

11. Kien approvat il-kontenitur *second hand bell shaped* tal-ħġieġ tal-*bring in site* ta' quddiem iċ-ċimiterju minn għand Greenpak Co-op għal €295. Tkellimna wkoll mal-Perit William Lewis sabiex joħroġ il-*compliance certificate* taċ-ċimiterju li hu rekwiżit mal-applikazzjoni tal-Elettriku tal-Korporazzjoni Enemalta. B'hekk ser nkunu nistgħu inżidu l-illuminazzjoni f'din iz-zona.

12. Kien hemm diskussjoni dwar id-doveri tal-kennies fir-rigward tat-trab u jekk dan għandux jinkines jew sempliċiment isir il-*litter picking.* Grace Marie Mallia esebiet ritratti minn fuq it-telefon ċellulari tagħha li juru weraq u trab fi Triq tas-Sejba viċin il-*bus shelter.* Grace Marie Mallia qalet illi r-raħal bħal issa jidher maħmuġ. Is-SE se jara kemm fadallu l-kuntratt tal-knis.

13. Dwar il-problema li l-vetturi tat-trasport pubbliku fir-*rush hour* ta' fil-għodu li kienu qed jiġu mimlija, Grace Marie Mallia qalet illi issa jidher li qed jibgħatu vetturi kbar u m'hu qed jibqa' ħadd fuq il-*bus stops.*

14. Dwar it-toqob tal-festa fi Triq il-Madonna tal-Ġilju li qed jintużaw mis-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, s-SE kien awtorizzat sabiex ikellem lis-Segretarju tal-Każin biex dawn jirranġawhom. Intant Charlene Zammit qalet li kellha talba sabiex il-KLM jislef il-*bollards* u l-ktajjen biex Triq il-Karmnu tkun magħluqa sew waqt l-attivita' Milied Imdawwal li se tkun organizzata mill-istess soċjeta'.

15. Is-SE kien awtorizzat jikteb lis-Segretarju tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista sabiex dawn ineħħu is-siġra li hemm tostakola l-*pedestrians* fuq il-bankina fil-Pjazza tal-Knisja.

16. Għal proposta illi jinbidel il-wiċċ tal-bankina fi Triq Karmenu Ciantar quddiem il-*garages* tas-Sur Facciol, is-SE diġa' talab stima lill-Perit William Lewis u peress li dan għadu ma għaddihiex lilna, se nitolbuha lil kuntrattur *Elle's Urban Services*. F'dan il-punt intqal illi kien fi żmien Kunsill Nazzjonalista illi din il-bankina saret ħażin u għaldaqstant qatt ma kien imisshom ġabuna fuq in-Net TV b'din il-problema. Sadanittant is-SE iddraftja ir-risposta lil tan-NET TV minħabba l-għeluq tal-ġiebja tal-Pjazza kif elenkat fis-seduta preċedenti. Hawn is-SE qal li diġa' kellem fuq it-telefon lil min ġie jiffilmja fl-Imqabba.

17. Is-Sindku qalet illi hija se tkun qed tissuġġerixxi waqt laqgħa li għandha fil-Palazz ta' San Anton, sabiex il-katakombi tal-Mentna jibda' jiġi miftuħ darba fix-xahar. Anita Farrugia qaltilha li hu mportanti li l-Imqabbin jidħlu mingħajr ħlas.

18. Is-SE sab l-irċevuta li bagħatulna l-GAL Xlokk fejn hemm indikazzjoni illi l-ħlas li sar minnha kien għal programm operattiv 2014-2020. Is-Sindku qalet illi qed insibu reżistenza minn Gal Xlokk għax iriduna nerġgħu inħallsu mil-ġdid bl-iskuża tal-*Managing Authority* għax din mhux qed taċċetta dan kollu minkejja li diġa' bagħatnielhom l-*Expression of Interest* li rridu nkunu msieħba sal-2020.

19. L-artikli tal-fuljett ma bagħathom ħadd għall-approvazzjoni, u hemm lest biss tas-SE. Madankollu Grace Marie Mallia qalet illi hija ppreparatu u ġabet magħha l-*hard copy* u se tikteb dwar il-ħarġa għal Betlehem f'Għajnsielem, il-*Buffet Breakfast*, il-vandaliżmu u Jum l-Imqabba. Is-Sindku qalet li se tikteb dwar l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba, l-attivitajiet li ġejjin, u wkoll se tagħmel sommarju ta' x'sar matul din is-sena, filwaqt li be ħsiebha toħloq *collage* ta' ritratti. Is-SE kien mitlub jagħmel appuntament lis-Sindku ma' Veritas Press nhar il-11.12.2015, sabiex tqassam kollox hi fil-fuljett. Fil-fuljett se ninfurmaw ukoll lill-pubbliku bil-ġbir li sar waqt l-attivitajiet soċjali li se jmorru għall-*Community Chest Fund.*

20. Kienu msemmija l-attivitajiet li ġejjin. Fosthom il-*party* tal-Milied tat-tfal fejn kien deċiż li jinxtara kollox minn għand Neriku Caterers, li kien l-orħos fost l-istimi li nġabru, kif ukoll r-Rock Mass fejn hu antiċipat illi jitqassam il-*mulled wine*, kafe' tat-tisjir, imqaret u qagħaq tal-għasel għal madwar 300 li qed nistennew li jattendu. Din l-attivita' issa inbidlitilha id-data u se ssir nhar l-20 ta' Diċembru fl-10.00am f'Misraħ il-Fidwa.

21. Fuq proposta ta' resident li kellem lis-Sindku, il-KLM iddeċieda illi Triq il-Friefet issir one way. Intant se jitwaħħlu l-imirja fi Triq tas-Sejba mill-ħaddiema tagħna.

22. Kien deċiż li ssir żjara lil dawk rikoverati f'*Corradino Correctional Facilities* nhar id-29 ta' Diċembru fil-1730hrs.

23. Kien deċiż illi l-ikla tal-kunsillieri u l-istaff se ssir nhar id-9 ta' Jannar 2016.

24. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 508 b'xi korrezzjonijiet. Intant Grace Marie Mallia u s-Sindku talbu lis-SE sabiex jaqta' taxxa ta' 25% mit-*Travel and Communications Allowance* għall-perjodu Lulju – Diċembru 2016.

25. Il-KLM se jerġa' jiltaqa' nhar il-11 ta' Jannar, 2016 fis-6.30pm filwaqt li s-seduta ntemmet fid-9.10pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*18.01.2016 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |